# ID-DAWL

MARZU 2021 | WWW.AHMADIYYA.MT | NUMRU 39

“U żommu sod, kollha flimkien, mal-ħabel ta’ Alla u tkunux mifruda.”



L-Għaqda Nazzjonali | L-Għaqda Universali | Mara Musulmana | Ir-Rispett Reċiproku

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# FL-GĦAQDA HEMM IS-SAĦĦA

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Bla dubju fl-għaqda hemm is-saħħa. Dan ifakkarni fi storja ta' persuna għaqlija li kellha seba' wlied subien. Fix-xjuħija tiegħu, meta ħaseb li jista' jitlaq minn din id-dinja fi kwalunkwe mument partikolari, ried jgħallem lil uliedu lezzjoni prezzjuża tal-ħajja.

Ġurnata waħda talab lil wieħed minnhom biex iġiblu qatta oħtra. Imbagħad ta ftit minnhom lil kull iben, u qalilhom biex jippruvaw ikissruhom. Għalkemm kollha ppruvaw minn kollox, ħadd ma kien kapaċi jkisser il-qatta tal-oħtra. Il-missier imbagħad ħall il-qatta u ta l-oħtra lil uliedu biex ikissruhom wieħed wieħed. Dan għamluh faċilment u malajr, mingħajr ebda diffikultà.

Ir-raġel għaref imbagħad qam bilwieqfa u indirizza lil uliedu u qal li jrid li jibqgħu magħquda; kieku jħallu d-diviżjoni tikber fosthom, kulħadd jista' jkissirhom, bħall-oħtra. Jekk madankollu jibqgħu magħquda bħall-qatta oħtra, ħadd qatt ma jkollu l-poter li jagħmillhom il-ħsara. Jekk jaqblu ma' xulxin u jgħinu lil xulxin, ikun impossibbli għall-għedewwa tagħhom li jweġġgħuhom. Imma jekk ikunu mifruda bejniethom, ma jkunux iktar b'saħħithom minn ħatar wieħed fil-qatta.

## ID-DAWL

Marzu 2021 – Numru 39 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel:** 27 342 401 | **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

| | |
|---|---|
| Unity is strength | 02 |
| The national unity | 03 |
| The universal unity | 05 |
| Muslim women in the West | 06 |
| Mutual respect | 08 |

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Juergen Faelchle | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# L-GĦAQDA NAZZJONALI

M'hemm xejn aħjar minn nazzjon magħqud, għax meta nazzjon jiġbed l-istess ħabel, il-pajjiż jimxi 'l quddiem u l-frott tal-progress jasal għand kulħadd. Imma jekk il-poplu huwa maqsum dan jaffettwa ħafna negattivament fuq il-paċi, is-sigurtà, il-progress ekonomiku u l-kompetizzjoni attiva u b'saħħitha tal-pajjiż. Għax ħafna mill-enerġiji se jinħlew fuq affarijiet mhux importanti minħabba d-diviżjoni. Poplu maqsum ma jistax jiffoka fuq l-affarijiet ta' ġid komuni.

Għalhekk, huwa ferm importanti li flimkien niġbdu ħabel wieħed u nsiru poplu magħqud fid-diversità. Id-differenzi naturali tagħna m'għandhomx jagħmluna nazzjon maqsum u mfarrak, iżda dawn id-differenzi għandhom jitqiesu bħala mezz għal kompetizzjoni b'saħħitha. Il-Koran Imqaddes (2:149) jiggwidana f'din il-kwistjoni u jgħid li:

**"Għandkom tikkompetu ma' xulxin f'għemejjel tajba u f'xogħlijiet utli."**


McCarthy's PhotoWorks | Shutterstock

# IL-KONFERENZA NAZZJONALI

Il-President ta' Malta, l-Eċċellenza Tiegħu, Dr George Vella, ħass li hemm il-ħtieġa tal-għaqda fil-pajjiż u wera l-fehma li hemm ħafna oqsma li jeħtieġu għaqda fost il-poplu Malti biex il-pajjiż ikun jista' jimxi 'l quddiem. Għalhekk, se tiġi organizzata konferenza nazzjonali fuq it-tema tal-għaqda nazzjonali. Il-President George Vella saħaq fuq il-ħtieġa tal-għaqda fil-pajjiż u qal li din l-għaqda ma tiġix biss bix-xewqa, iżda l-poplu jrid jaħdem għaliha hu.

Meta u kif nistgħu niksbu l-għaqda nazzjonali vera? Fil-qosor nista' ngħid li dan jiddependi minni, minnek, u tabilħaqq minn kull membru individwali tas-soċjetà. Kemm għandu raġun poeta li jiddeskrivi dan fil-poeżija tiegħu, fejn jistaqsi u jwieġeb.

**"Meta se jinbidel l-istaġun tal-forza?**
**Jekk ninbidlu aħna allura jinbidel hu."**

# MAGĦQUDA NKUNU B'SAĦĦITNA

Nemmen li nistgħu niksbu l-għaqda nazzjonali biss meta kulħadd jagħti sehmu, meta niġbdu ħabel wieħed, meta nkunu lesti li nagħmlu ħilitna kollha sabiex insiru poplu magħqud. Kemm għandu raġun meta wieħed jgħid: **"Magħquda nkunu b'saħħitna, mifruda ma niswew xejn."**

L-edukazzjoni, l-għarfien u r-rispett reċiproku huma pilastri bażiċi fir-rigward l-għaqda nazzjonali. Barra minn hekk l-ambjent tad-djar huwa wkoll għodda kruċjali. Għax pajjiż jew soċjetà huwa l-prodott ibbażat fuq l-ambjent tal-familji u d-djar tiegħu. Jekk m'għandniex il-paċi, it-trankwillità u l-għaqda fi ħdan il-familji tagħna allura ma nistgħux niksbu l-għaqda fuq livell nazzjonali.

Ejja nippromwovu u tabilħaqq nistabbilixxu ambjent ta' mħabba, paċi, armonija, kompassjoni u għaqda fid-djar tagħna, fis-soċjetà tagħna u tabilħaqq f'pajjiżna.

# L-GĦAQDA UNIVERSALI



Aris-Tec Group | Shutterstock

Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul-Masiħ V[aba], il-Kap Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jispjega l-perspettiva Iżlamika dwar l-għaqda u jgħid:

"Minn perspettiva Iżlamika, għandna nħabirku biex id-dinja kollha tingħaqad flimkien. F'termini ta' munita, id-dinja għandha tkun magħquda. F'termini ta' kummerċ u suq ħieles id-dinja għandha tkun magħquda wkoll. Fejn jidħlu l-libertà tal-moviment u l-emigrazzjoni, għandha tiġi żviluppata politika prattika ta' koeżjoni sabiex id-dinja tkun tista' tingħaqad.

Bażikament il-pajjiżi għandhom ifittxu l-koperazzjoni flimkien biex id-diviżjoni tinbidel f'għaqda. Jekk jittieħdu dawn il-miżuri malajr wieħed jinduna li l-kunflitti eżistenti jintemmu u jinbidlu f'paċi u rispett reċiproku, kemm-il darba tkun ipprattikata l-ġustizzja vera u kull pajjiż jagħraf ir-responsabbiltajiet tiegħu.

B'diqa kbira jkolli ngħid li, għalkemm dan hu parti mit-tagħlim Iżlamiku, il-pajjiżi Iżlamiċi ma rnexxilhomx jingħaqdu bejniethom. Li kellhom jikkoperaw u jingħaqdu bejniethom, il-pajjiżi Iżlamiċi ma kienx ikollhom bżonn jitolbu kontinwament l-għajnuna tal-pajjiżi tal-Punent biex inaqqsu mill-inkwiet u l-bżonnijiet interni."[(i)]

(i) Il-kriżi dinjija u t-triq għall-paċi, p. 124-125

# MARA MUSULMANA FIL-PUNENT

**Noor-Ul-Hudah Khan, Avukat**

Fis-snin disgħin kien hemm ħafna familji Musulmani li emigraw mil-Lvant għall-Punent. Waħda minnhom kienet tiegħi stess. Minħabba li jiena twelidt fir-Renju Unit, nixtieq naqsam l-esperjenza tiegħi minn tifla Musulmana għal mara Musulmana.

Minħabba li aħna nappartjenu għall-Komunità Ahmadiyya Musulmana, kien privileġġ kbir għalija u għall-familja tiegħi li ngawdu d-dritt li nipprattikaw il-fidi tagħna bil-libertà kollha u aktar minn hekk li n-nisa fil-familja tiegħi setgħu faċilment imorru l-moskea. Li tikber liberu li tattendi l-moskea b'mod regolari hija xi ħaġa li qatt ma tista' teħodha qisha mhi xejn, speċjalment meta tqis ir-restrizzjonijiet li hemm fuq sħabna Musulmani tal-Lvant.

Kelli 14 meta ddeċidejt li nilbes il-Ħiġab bil-volontà tiegħi stess.

Kelli ħafna inċertezzi li ġagħluni niddubita d-deċiżjoni tiegħi li nilbes il-Ħiġab. Imtlejt bil-mistoqsijiet u kont naħseb: In-nies se jħarsu lejja b'mod differenti? Il-Ħiġab se joħloqli ħafna tfixkil u jtellifni l-opportunitajiet? Inkun nista' nsib xogħol? In-nies se joqogħdu jgħajruni fit-triq?

Imbagħad irriflettejt fuq ir-raġuni għala xtaqt nibda nilbes il-Ħiġab – biex nagħti gost lil Alla; biex nobdi l-kmand t'Alla.

M'iniex se noqgħod naħbi l-verità, fl-ewwel ġranet meta bdejt nilbes il-Ħiġab, kien hemm nies li naf li ħarsu lejja b'mod differenti. Kien hemm min lissen xi rimarki razzjali, imma s-sodisfazzjon li naf li qed nobdi l-kmand t'Alla kien tant qawwi li dawn iċ-ċuċati ma inkwetawnix. Kont naf ukoll li jekk naħdem ħafna bil-qalb il-Ħiġab ma kienx se jtellifli l-opportunitajiet.

Huwa bil-Grazzja t'Alla li jiena trabbejt f'ambjent li l-akkwist tal-edukazzjoni kien meqjus bħala importanti ħafna. Qatt ma ġejt miżmuma milli nkompli l-edukazzjoni sekondarja u qatt ma sibt ostakli biex inkompli nistudja. Hija idea żbaljata ta' dawk li mhumiex Musulmani li jgħixu fil-Lvant u fil-Punent li l-ilbis tal-Ħiġab joħloq diffikultajiet biex wieħed jikseb id-drittijiet bażiċi tiegħu tal-edukazzjoni u x-xogħol. Għalija żgur li qatt ma kien problema.

Illum nirrealizza li biex tipprattika l-fidi tiegħek fil-Punent tista' taffaċċja xi diffikultajiet, speċjalment jekk inti Musulman u bl-influwenza tal-midja, imma qatt ma kienet xi ħaġa impossibbli jew li tista' taqtagħlek qalbek. Jekk tkun marbut mal-fidi tiegħek din tagħtik il-ħeġġa biex inti tħabrek ħalli tibqa' sejjer 'il quddiem u tavvanza kemm fl-affarijiet reliġjużi kif ukoll dawk soċjali.


Zurijeta | Shutterstock

# IR-RISPETT REĊIPROKU BEJNIETNA

F'dan iż-żmien meta d-dinja saret raħal globali huwa importanti ħafna li nxerrdu l-paċi, l-imħabba, u l-ħbiberija fost in-nies; u nuru r-rispett lejn is-sentimenti reliġjużi ta' xulxin. Għax meta xi ħadd iweġġa' s-sentimenti ta' xi ħadd billi juża kliem ħażin kontra r-reliġjon tiegħu jew kontra l-personaġġi qaddisa dan iżid it-tensjoni bejn in-nies.

Għalhekk għandna nifhmu li ma nistgħux niżirgħu ż-żerriegħa tal-paċi mingħajr ma niżirgħu ż-żerriegħa tar-rispett reċiproku bejnietna. Ejjew flimkien nibnu narrattiva reċiproka biex dejjem nuru r-rispett lejn xulxin, lejn ir-reliġjonijiet ta' xulxin kif ukoll lejn il-personaġġi qaddisa, il-messaġġiera u l-fundaturi tar-reliġjonijiet kollha.

Dan is-sens ta' rispett u unur reċiproku għall-messaġġiera u l-fundaturi tar-reliġjonijiet kollha dinjija jqiegħed is-sisien għall-fraternanza universali, l-armonija, it-tolleranza u l-paċi, li qed tispiċċa malajr mid-dinja.

Aħna, il-Musulmani, nirrispettaw lill-profeti u l-messaġġiera kollha (il-paċi ta' Alla tkun magħhom) u nemmnu li kollha huma l-messaġġiera mibgħuta minn Alla, ma nistgħu ngħidu xejn b'disprezz kontrihom; iżda nsewdu qalbna ħafna meta nisimgħu allegazzjonijiet bla bażi u mhux veri kontra dawn il-personaġġi qaddisa.

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published
by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**